MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2009

Numru. 757/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank A. Tabone)**

**vs**
**Antoine Mangion bin Carmelo u Antonia nee' Attard, imwieled fl-14 ta' Novembru, 1979 u residenti 73, Triq San Gwann, Gharghur, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 540379(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Antoine Mangion li gie akkuzat talli nhar it-3 ta' Awwissu, 2008 ghal habta ta' 14:10hrs fl-inhawi ta' Kemmuna kien qed isuq opra tal-bahar b'aktar minn 10knots f'distanza anqas minn 200m mill-kosta;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti f'din il-kawza rrizulta illi kemm l-Ufficjal Prosekutur Spettur Alexander Paul Miruzzi kif ukoll Patrick Pollacco mill-Awtorita', xehdu illi huma raw lill-imputat hiereg mill-bajja ta' Kemmuna bi speed eccessiv u certament iktar minn 10knots liema velocita' ta' 10knots huwa speed relattivament baxx. Dan jikkuntrasta bis-shih ma' dak li jghid l-imputat li kien miexi bil-mod hafna u ghalhekk il-Qorti ma tistax temmnu;

Ghaldaqstant l-akkuza tirrizulta ppruvata u l-Qorti wara li rat ir-Regolament 25 tal-Avviz Legali 129 tal-2001, issib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta' sitt mitt ewro (€600).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------